MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 442/2008

**Emmanuel Vella u martu Maria Dolores Vella Croker**

**vs**

**Adelina Sacco u Connie Abdilla**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Emmanuel Vella u martu Maria Dolores Vella, fejn wara li ppremettew illi:

Permezz ta’ sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti datata 10 ta’ Jannar 2008 (Citazz. Numru 199/98 JRM), l-atturi kienu gew ikkundannati fil-kapacita’ taghhom bhala “registered Consumer” sabiex ihallsu lis-socjeta’ Go plc s-somma ta’ €23,813.84 oltre l-imghaxijiet legali u l-ispejjez tal-kawza u dana ghal servizz tat-telephone indikat fl-istess kawza;

U in segwitu ta' ftehim milhuq mas-soscjeta' Go plc, l-atturi hallsuhom is-somma ridotta ta' €40,000 ghas-saldu ta' kull dritt u pretenzjoni li kellha din is-socjeta' a tenur tal-precitata sentenza;
L-atturi hallsu wkoll l-ispejjez gudizzjarji tal-istess kawza li lahqu s-somma ta' €1,728;

Fil-fatt irrizulta anke mill-process tal-precitata kawza li s-servizz in kwistjoni kien qed jigi utilizzat esklussivament mill-konvenuti jew min minnhom;

Difatti, l-istess konvenuti kienu ffirmaw skrittura mas-socjeta' Maltacom plc illum Go plc, fejn dahlu garanti ghall-hlas tal-istess kontijiet tat-telephone u anke bdew jaffettwaw ripagamenti mensili jew sporadici;

Ghalhekk ghandu jirrizulta li l-atturi spiccaw li kellhom ihallsu s-somma hawn mitluba lil Go plc ghal servizz li kienu qed jaghmlu uzu minnu bhala konsumaturi effettivi l-istess konvenuti jew min minnhom;

Il-konvenuti gew inutilment interpellati sabiex jirrifondu lill-atturi s-somma minnhom imhallsa lis-socjeta' Go plc;

Ghalhekk l-atturi gew kostretti li jistitwixxu l-odjerna kawza kontra l-konvenuti;

Il-fatti hawn fuq esposti li jiffurmaw il-bazi ta' dina l-kawza huma maghrufa personalment lid-dikjaranti;

Ghalhekk, il-konvenuti huma vera certi u likwidi debituri tal-atturi fis-somma ta' €41,728 rapprezentanti l-ammont ta' flus li gew kostretti jhallsu tramite l-precitata sentenza ghal servizz li nqdew bih biss l-istess konvenuti;

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba ghall-hlas tal-istess dejn.

Talbu l-atturi jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Fl-ewwel lok tiddeciedi t-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et seq Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna liz-zewg konvenuti solidalment bejniethom jew lil min minnhom sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont fuq indikat ta' €41,728 rapprezentanti refuzjoni tal-ammont imhallas mill-atturi lis-socjeta' Go plc ghal servizz utilizzat esklussivament mill-istess konvenuti jew min minnhom.

Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat 11 ta' April 2008 u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-istess mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa jinsabu ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu, din il-Qorti kkoncediet lill-konvenuti ghoxrin jum sabiex iressqu l-eccezzjonijiet taghhom u ordnat ukoll li jigu allegati l-atti tal-kawza 199/98.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Adelina Sacco u Connie Abdilla, li in forza taghha eccepew illi:

It-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma bbazati fuq premessi invertjieri kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu dak allegat mill-atturi fir-rikors taghhom illi l-konvenuti ffirmaw skrittura ma' Maltacom plc, illum Go plc, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu dak li qed jigi allegat mill-atturi fir-rikors taghhom illi s-servizz in kwistjoni kien qed jigi utilizzat esklussivament mill-konvenuti kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-atturi ma hux reali kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza tal-20 ta’ Ottubru 2011, li permezz taghha, il-Qorti kif presjeduta cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u cioe’ dik tal-preskrizzjoni.

Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha rrinunzjaw ghat-talbiet taghhom fil-konfront tal-konvenuta Connie Abdilla, u sussegwentement, il-verbal ta’ din il-Qorti li permezz tieghu, il-Qorti ddikjarat li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza fil-konfront ta’ Connie Abdilla.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil Adelina Sacco tirrifondihom is-somma ta’ €41,728 li huma kellhom ihallsu lil Maltacom fuq kont tat-telefon stallat gewwa fond mikri lil Adelina Sacco. L-atturi Vella kienu gew ikkundannati jaghmlu dan il-hlas permezz ta’ sentenza tal-Qorti moghtija fl-10 ta’ Jannar 2008. L-ewwel eccezzjoni dik tal-preskrizzjoni giet michuda minn din il-Qorti permezz ta’ sentenza tal-20 ta’ Ottubru 2011.

Mill-provi prodotti, kemm dawk f’din il-kawza kif ukoll dawk prodotti fil-kawza Nru. 199/98, li l-atti taghha gew annessi

ma' dawk ta' din il-kawza, jirrizulta illi l-konvenuta Adelina Sacco kienet kriet fond minghand l-atturi l-fond 21, Triq l-Gharusa tal-Mosta, fejn kien hemm stallat servizz tat-telefon bin-numru 432724. Jirrizulta wkoll illi, relattivament, ghall-perjodu tal-kirja msemmija, baqa' pendenti kont tat-telefon bin-numru 432724. Ghar-rigward ta' dan il-kont, l-atturi odjerni gew ikkundannati jhallsu l-ammont ta' €23,813.24 bl-imghaxijiet lil Maltacom li kienet ipprovdiet is-servizz telefoniku (ara sentenza tal-10 ta' Jannar 2008 – J.R.M.). In segwitu ghal din is-sentenza, il-korporazzjoni accettat hlas ghas-saldu fl-ammont ta' €40,000 flimkien ma' spejjez gudizzjarji ta' €1,728.

Jirrizulta pruvat illi s-servizz tat-telefon li dwaru tela' l-kont mertu ta' din il-kawza kien fil-fatt dak stallat fil-fond mikri mill-konvenuta. Hi kienet thallas il-kontijiet sakemm bdiet thoss li l-hlasijiet dovuti fuq sejhiet barra minn Malta kienu esagerati.

Hija tghid hekk:

"*Bdew jaslu l-kontijiet dwar telefonati li jsiru barra minn Malta li bdejt inhoss illi kienu gholjin....kont naf ukoll illi jiena kont qed incempel barra imma meta rajt li l-kontijiet kienu gholjin ippruvajt inkellem lil Saviour Farrugia tal-Maltacom.*"

Issa jirrizulta mill-provi illi n-numri tat-telefon fl-Awstralja li lejhom kienu jsiru t-telefonati li tellghu il-kont daqshekk huma kollha numri li jappartjenu lill-qraba u hbieb fl-Awstralja, kemm taghha kif ukoll ta' Connie Abdilla, li fiz-zmien li kien hekk mikri ghamlet zmien tirrisjedi fil-fond mal-konvenuta. Il-Qorti tinnota illi l-proceduri odjerni originarjament bdew kontra din tal-ahhar ukoll, pero', in segwitu ghall-mewt taghha, tkomplew biss fil-konfront tal-konvenuta odjerna.

Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta ammettiet ir-responsabilita' taghha ghall-hlas tal-kont tat-telefon permezz ta' skrittura privata (esebita bhala Dok. NS2) iffirmata quddiem Dr. George Cutajar li kien dak iz-zmien konsulent legali tal-Maltacom. Illum il-konvenuta tghid illi fiz-zmien tal-

iskrittura privata msemmija hija kienet ghaddejja minn zmien difficli u hassitha taht pressjoni biex tiffirma. Ta’ dan ma ressqet ebda prova u qatt tul l-iter kollu ta’ dawn il-proceduri ma agixxiet sabiex b’xi mod timpunja dik l-iskrittura.

Inoltre, jirrizulta pruvat ukoll illi l-konvenuta kienet bdiet programm ta’ pagamenti lil Maltacom u bdiet thallas mitejn u hamsin Lira kull xahar.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tkun Adelina Sacco li taghmel tajjeb ghall-hlasijiet. L-atturi f’din il-kawza rnexxielhom jippruvaw it-talbiet taghhom. Il-konvenuta min-naha taghha ma sostnietx l-eccezzjonijiet taghha b’mod sodisfacenti u ghalhekk qed jigu skartati mill-Qorti.

Hija ma sostnietx l-allegazzjoni taghha li l-linja tat-telefon de quo kienet tigi uzata minn persuni ohra. Anzi, n-numri fl-Awstralja gew pruvati li huma ta’ konoxxenzi taghha, kif intqal aktar ‘il fuq.

Hija ssostni wkoll li l-ammont pretiz mhuwiex reali. Il-verifiki tal-ammonti dovuti lil Maltacom saru dettaljatament fil-proceduri precedenti, decizi fl-appell fil-konfront tal-atturi odjerni, li, f’dawn il-proceduri gabu prova inkonfutabbli li huma hallsu lil Maltacom dak li qed jitolbu lill-konvenuta.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talba ta’ Emmanuel Vella u Maria Dolores Vella u tikkundanna lil Adelina Sacco thallashom is-somma ta’ wiehed u erbghin elf, seba’ mija u tmienja u ghoxrin Ewro (€41,728), bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu minn Adelina Sacco.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------